MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 806/2003

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta estera ta’ The Performing Right Society ta’ Londra, Ingilterra**

**vs**

**Joseph Pace**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta’ April, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta’ wiehed u hamsin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm51.46) rappresentanti in kwantu ghal Lm44.75 royalty dovuta bil-quddiem ghal perijodu mis-6 ta’ Ottubru 2002 sal-5 ta’ Ottubru 2003 in konnessjoni mal-licenzja numru 6718 (Dokument A anness ma’l-avviz) rilaxxjata mis-socjeta attrici a favur tal-konvenut b’liema licenzja il-konvenut

qieghed jigi moghti d-dritt li jxandar lil pubbliku muzika tutela fl-istabbiliment “Magic Kiosk”, Sliema u Lm6.71 Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra legali tal-31 ta’ Dicembru 2002, kif ukoll ta’l-ittra ufficjali tal-20 ta’ Marzu 2003, bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta’l-iskadenza relattiva kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici nomine sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-10 ta’ Ottubru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esebiet.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta’ wiehed u hamsin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm51.46), bl-imghaxijiet legali mid-data ta’l-iskadenza relattiva.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra legali tal-31 ta’ Dicembru 2002, kif ukoll ta’l-ittra ufficjali tal-20 ta’ Marzu 2003 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------